# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Daniel Cucciardi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Daniel Cucciardi** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 329386(M) fejn ġie mixli talli :

1. Nhar l-24 t'April 2017 għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija ġewwa Triq G. Dimech Debono, Birkirkara, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ġużeppi Micallef hekk kif iċċertifika Dr. Karl Cutajar M.D. u dan ai termini tal-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali;
2. Talli volontarjament kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied.

Rat li matul is-seduta tas-26 ta' Novembru 2018 deher Ġużeppi Micallef li talab lil Qorti sabiex timponi fuq l-imputat ordni ta' protezzjoni fuqu u fuq il-familja tiegħu;

Rat li matul is-seduta tas-26 ta' Novembru 2018 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament;

Illi matul l-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat debitament assistit, stqarr li kien inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni inkluż fis-sens illi għar-reati li ammetta għalihom tista' tingħata piena ta' priġunerija jew pieni alternattivi. Wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux ser jerġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnu fl-atti, l-imputat wara li kkonferixxa mal-Avukat Difensur, wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Il-Qorti fliet id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali, inkluż il-fedina penali tal-imputat u semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena.

*Ikkunsidrat : -*

Illi fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat din il-Qorti ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih skont kif intqal aktar il-fuq.

# *Deċide*

li wara li rat l-Artikoli 17, 28A, 28B, 214, 215, 216(1)(b), 222A(1) u 338(bb) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda ssib lil imputat **Daniel Cucciardi**, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi in kwantu tal-piena li għandha tiġi inflitta, din il-Qorti qieset l-ammissjoni bikrija tal-imputat u għalhekk il-fatt li franka lil Qorti ħafna żmien u spejjes u għalhekk kien jimmerita termperament fil-piena infliġġenda. Apparti minn hekk il-fedina penali tiegħu hija waħda netta. Inoltre, il-Qorti setgħet tara viżwalment l-effetti li ħalla dan ir-reat fuq il-persuna tal-parte civile li illum huma qajla viżibbli għalkemm fil-jum meta saret kien hemm element ta' sfreġju ta' portata żgħira meta jitqies l-armonija tal-wiċċ tal-parte civile. Il-Qorti qieset ukoll il-parametri tal-piena li kienu stabbiliti mill-Liġi fil-jum meta ġew kommessi r-reati de quo, li kienu anqas minn dawk previsti fl-ordinament ġuridiku attwali.

Konsegwentement il-Qorti tikkundannah għall-piena ta' **<u>sitt</u> <u>xhur</u> <u>priġunerija.</u>**

Wara li rat l-Artikoli 28A(1) u 28B tal-Kodiċi Kriminali tordna li din is-sentenza in kwantu għal piena ta' priġunerija m'għandhiex tibda' sseħħ ħlief jekk matul il-perjodu ta' **tliet snin mill-lum** l-imputat jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali ordnat li din is-sentenza għandha tiġi fis-seħħ.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem li jinftiehem lill-ħati r-responsabbilita tiegħu mnissla mill-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali fil-każ li huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Inoltre, il-Qorti rat l-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali u tordna l-ħruġ t`Ordni ta' Protezzjoni kontra Daniel Cucciardi taħt il-kundizzjonijiet segwenti u ċioe` li:

a) Tipprojbixxi lil Daniel Cucciardi milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' Gużeppi Micallef jew il-familjari tiegħu;
b) Tipprojbixxi l-aċċess minn Daniel Cucciardi ġewwa l-fond fejn jirrisjedu jew ambjenti li jiffrekwentaw jew jaħdmu Ġużeppi Micallef u l-familjari tiegħu;
c) Tipprojbixxi lil Daniel Cucciardi milli jikkuntattja jew jimmolesta lil Ġużeppi Micallef u lil familjari tiegħu;

d) Din l-Ordni ta' Protezzjoni tibqa' fis-seħħ għal tliet snin mid-data ta' din is-sentenza;

e) Jekk mingħajr raġuni valida Daniel Cucciardi jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu jista' jekk jinstab ħati jeħel multa ta' sebat elef euro (€7000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew it-tnejn flimkien.

Din is-sentenza qegħdha tingħata bla ħsara għal jeddijiet ta' natura ċivili talvolta kompetenti lil partijiet.

Il-Qorti rat l-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li l-atti ta' din il-kawża flimkien ma din is-sentenza jiġu mgħoddija lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt ijiem skont il-Liġi.

***Mogħtija illum sitta u għoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***

Ammissjonijiet/oħrajn/sentenzi sospiżi